# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Nru. 43** l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-6:45 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |
| Benjamin Zammit | - Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

**14 ta' Diċembru 2022**

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 43.1 Qari ta' lttri ta' apoloġija;

**43.1.01** n/a

## 43.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-42.

**43.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 42 ġew emendati wara li s-Sindku qal li dawn ma kienux qed jirriflettu t-tweġiba tas-Sindku għall-mistoqsijiet li għamel il-kunsillier Salvatore Felice Pace waqt il-laqgħa numru 42. Il-Viċi Sindku qal li s-Segretarja tibgħat il-minuti ġimgħa qabel il-laqgħa sabiex il-Kunsilliera jkollhom ċans jagħmlu l-emendi meħtieġa. Il-Viċi Sindku ma qabilx mal-kontenut kif preżentat mis-Sindku u talab sabiex parti mill-addendum fejn issemma l-Partit Nazzjonalista titneħħa. L-addendum ġiet emendata. Is-Segretarja staqsiet lill-Kunsilliera jekk il-minuti humiex approvati kif emendati. Il-Kunsillier Salvatore Feliece Pace ma ħax sehem f'din il-votazzjoni. Is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera Elizabeth Mintoff u Sammy Saliba approvaw il-minuti kif emendati.

## 43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**43.3.01** Ċirkulari 10/2022 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2023. L-allokazzjoni għall-Għasri għas-sena 2023 hija ta' €220,058.

**43.3.02** Ċirkulari SPI/SCI/11/2022 Korsijiet *Lifelong Learning* 2023/2024 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Taħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità.

**43.3.03** Emejl mingħand ir-Reġjun Għawdex – Għoti ta' Ikla tal-Milied għall-persuni partikulari fil-Lokalità. Il-Kunsill tal-Għasri ħa jieħu seħem bħas snin ta' qabel. Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff ser tieħu ħsieb sabiex dawk il-persuni minn din il-lista li jridu jieklu flimkien ikunu jistgħu jagħmlu dan fiċ-Ċentru tal-Parroċċa.

**43.3.04** Emejl mingħand id-Diviżjoni Gvern Lokali dwar *Websites* tal-Kunsill Lokali Aġġornati u Modernizzati. Id-Diviżjoni talbet biex il-*websites* tal-Kunsilli jkunu b'mod uniformi u dan biex wieħed ikun jista isib l-informazzjoni kollha bl-istess mod fil-Kunsilli Lokali kollha. Għalhekk talbu biex min għandu *website* individwali jneħħija. Il-Kunsilliera qablu li jimxu ma din it-talba.

**43.3.05** Il-Kunsill ġie mitlub biex iġib 'no objection ' mingħand il-Kunsill Lokali Victoria dwar l-għoti ta' isem Triq l-Għasri. Dan għaliex il-bidu ta' din it-triq tinsab fil-konfini ta' Victoria. Din it-talba ġiet mingħand il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex. Is-segretarja diġa għamlet din it-talba lil Kunsill Lokali Victoria.

**43.3.06** Rapport mill-Awditur Ġenerali dwar il-ħidma tal-Kunsilli Lokali għas-sena 2021. Il-Kunsill tal-Għasri ma kellux problemi.

**43.3.07** Emejl mingħand l-uffiċjal maniġerijali ambjent dwar informazzjoni dwar il-kuntratti tal-Kunsilli Lokali. Wara li s-Segretarja tkellmet mal-kuntrattur tal-kunsill tat ir-risposta li ntalbet.

**43.3.08** Emejl mingħand l-EU & Local Funds Manger – Reġjun Għawdex dwar rikjesta għal numru ta' kotba ppublikati mill-Kunsilli Għawdxin biex jintużaw waqt proġett mal-*Youth Ambassadors* matul ix-xahar ta' Diċembru. Is-Segretarja ħadet ħsieb li tagħti dawn il-kotba lir-Reġjun.

**43.3.09** Is-Sindku talab biex il-Kunsilll joħroġ *tender* biex isiru bankini. Din it-*tender* għandha tkun bil-metru kwadru. Il-bankini jsiru bil-konkos. Il-Kunsilliera qablu li tinħareġ din l-offerta.

Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill joħroġ offerta għar-*resurfacing* ta' Triq il-Knisja u t-tieni kisja għal Triq ta' Għammar u parti minn Triq il-Fanal. Dan biex il-Kunsill ikollu l-ammont ta' kemm jiswa dan ix-xogħol. Il-Kunsill irid jinkariga perit għal dan ix-xogħol.

**43.3.10** Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 17 ta' Jannar ser issir ħarġa għall-Belt. It-trasport ikun imħallas mill-Kunsill.

## 43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**43.4.01** Il-Kunsillier Sammy Saliba ġibed l-attenzjoni li hemm ħofra fi Triq ta' Għammar viċin ir-residenza tiegħu biex titranġa.

Sammy Saliba fakkar ukoll biex issir bil-konkos u xibka Triq tal-Fenek.

**43.4.02** Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff qal li nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru ser issir attività fl-Għasri f'għeluq il-150 sena mill-mewt tal-Kononku Franġisk Mercieca Qassis b'fama ta' qdusija mill-Għasri. Wara ser ikun hemm tberik taċ-Ċentru Parrokkjali u riċeviment żgħir. Il-Viċi Sindku talab li r-riċeviment isir mill-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment. Ġie deċiż li l-ammont m'għandux jaqbeż €150.

**43.4.03** Il-Kunsillier Sammy Saliba staqsa x'ġara mill-pjanti tal-proġett tat-tisbiħ tal-Pjazza. Is-Segretarja għandha tara dwar dan.

**43.4.04** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace informa lill-Kunsill li l-wirja ta' ritratti "Gozo on the Road" ser issir f'Jannar 2023.

## 43.5 Milied 2022;

**43.5.01** Nhar il-Ħamis 22 ta' Diċembru ser isiru l-*plays*, zfin, kant u farsa wara assenza ta' sentejn. Għal dan l-avveniment is-Segretarja flimkien mal-Kunsilliera Elizabeth Mintoff xtraw tifkira tal-okkazzjoni biex titqasam lil kull familja preżenti kif ukoll ħelu għat-tfal. Wara jkun hemm riċeviment imħallas mill-Kunsill.

Il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru jitqasmu r-rigali lit-tfal (dawk li nkitbu) minn *Santa Claus* li jkun fuq żiemel bil-karru.

Is-Sibt 24 ta' Diċembru s-Sindku flimkien mal-Kunsilliera ser iqassmu *hampers* lil dawk il-persuni li jinsabu "homebound" (skont il-lista tal-parroċċa).

Il-Ħadd 25 ta' Diċembru ser tingħata ikla mir-Reġjun Għawdex lil dawk il-persuni anzjani li jgħixu waħidhom (skont il-lista). Flimkien ma din l-ikla l-Kunsill ser jagħtihom xi ħelu.

## 43.6 *Draft Budget*;

**43.6.01** Ġie diskuss il-baġit għas-sena 2023. F'dan il-baġit irid jiġi nkluż ix-xogħol fi Triq Wied Sara li hu ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex, iżda l-VAT u ħlas tal-perit mhux inklużi u jridu joħorġu mill-fondi tal-Kunsill.

Fl-istess baġit jrid jiġi nkluż ukoll il-proġett ta' Ġnien Kenn is-Salvatur, li huwa finanzjat minn Ambjent Malta.

## 43.7 *Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv;

**43.7.01** Il-Viċi Sindku għamel mozzjoni verbali sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-*performance bonus* kollu. Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace issekonda l-mozzjoni. Il-Kunsilliera l-oħra qablu mal-mozzjoni. Is-Sindku qal li hu m'għandux oġġezzjoni għax ħlief għal kwistjoni tal-minuti li ġew amendati hu kuntent ħafna bix-xogħol li jsir minnha.

## 43.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u

**43.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-43 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 43.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**43.9.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8.10 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Jannar'23 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, nħar it-Tnejn 16 ta' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |